KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Vici Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Louise Portelli - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

**53.1 Ittri ta' Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittri ta' apoloġija mill-Kunsillier Louise Portelli minħabba mpenji ta' xogħol.

Il-Kunsill approva l-ittra ta' apoloġija.

## 53.2 Sospensjoni tas-Seduta

Is-Sindku talab sospensjoni tas-Seduta sabiex jiġi diskuss Punt Nru 53.7 tal-Aġenda.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-risposti tal-Avukat u l-Perit tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni PA/04641/18. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-direzzjoni hija waħda ċara, jiġifieri li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Dan għaliex l-iżvilupp propost imur kontra dak indikat fil-Local Plan.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega l-parir tal-avukat u l-perit huma ċari u anke kieku il-pariri tal-Avukat u l-Perit ma kienx hekk, u għandna r-residenti kollha qed jaqblu flimkien dwar l-oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, jemmen li d-dover tal-Kunsill huwa li jissalvagwardja r-residenti u fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu joġġezzjoni għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li jaqbel mal-parir mogħti mill-Avukat u għaldaqstant il-Kunsill għandu joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, speċjalment meta kellna laqgħa ta' konsultazzjoni u r-residenti kollha ġibdu ħabel wieħed u qablu li joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp. Ir-raġunijiet tar-residenti huma validissimi u għaldaqstant il-Kunsill għandu joġġezzjona.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello qal li huwa mportanti li l-Kunsill jimxi mal-liġi u għandu joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

Il-Kunsillier Carmen Borg qalet li, bħalma tgħid fit-talba, l-Kunsill għandu dejjem jimxi u jaħdem għal benefiċċju tar-residenti.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti qal li r-residenti għandhom dejjem ikunu l-prijorita' tal-Kunsill għaliex il-businesses huma nies li jiġu u jitilqu mil-lokalita', iżda r-residenti se jibqgħu dejjem hemm. Il-Kunsill għandu jiġbed lir-residenti sabiex jibqgħu jgħixu fil-Ħamrun u għaldaqstant għandu joġġezzja għal dan l-iżvilupp.

Is-Sindku spjega li l-area hija waħda naqra hyperactive għax hija area busy ħafna b'ħafna affarijiet u ma jħossx li hemm lok għal social club ieħor. Bla dubju tali proġett se joħloq problemi ta' storbju, panic, problemi ta' parkeġġ u żgur se jinħolqu problemi lir-residenti, speċjalment lil dawk li jgħixu fuq, mal-ġenb u faċċata tas-

social club propost. Is-Sindku spjega li jidher li hemm qbil dwar din il-kwistjoni u għaldaqstant għandha ssir Objection quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar għal dan l-iżvilupp.

## 53.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 51 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 52 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.4.1 Is-Sindku nfurma li s-Sur Cedric Valletta offrew li jintuża l-bejt tal-propjeta' tagħhom sabiex isir l-eżerċizzju ta' qbid tal-ħamiem bil-gaġeġ. Se ssir site inspection mill-persuna responsabbli sabiex jara dawn il-bjut hux tajbin jew le.

53.4.2 Is-Sindku nfurma li l-Gvern Ċentrali qed jaħdem sabiex jibda' eżerċizzju ta' qbil tal-ħamiem bix-xibka u l-ħamiem jinżamm f'post magħluq. Ovvjament dan l-eżerċizzju jieħu fit-tul u għaldaqstant il-Kunsill għandu jkompli bl-eżerċizzju.

53.4.3 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li kellu bosta lmenti dwar ħamiem selvaġġ fl-area ta' Triq Kanonku Bonnici, iżda r-residenti ma jixtiequx li jintuża l-bejt tagħhom għal dan l-eżerċizzju u ssuġġerixxa li jiġi kkuntattjat is-sid ta' Jesmond's Sports Bar sabiex niddiskutu miegħu l-possibilita' li jintuża l-bejt tiegħu. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma wkoll li l-Partijiet Franġiskani għandhom problema kbira bil-ħamiem u offrew li jintuża l-bejt tagħhom għal dan l-eżerċizzju. Is-Sindku qal li se jinfurma lill-persuna responsabbli b'dawn iz-zoni.

53.4.4 Is-Sindku nfurma li matul il-ġimgħa se jitwaħħlu s-CCTV Cameras ta' Ġnien Oreste Chircop. Is-Sindku nfurma li twaħħlu s-CCTV Cameras fuq ir-roundabout ta' ħdejn l-iscouts u hemm aċċess sabiex jarawhom mill-uffiċċju tall-Kunsill ukoll.

53.4.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-gabbana ta' Pjazza San Pawl. Is-Sindku nfurma li mill-informazzjoni li rnexxielu jikseb, x-xogħol tal-pedamenti waslu biex jitlestew.

53.4.6 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li ra leaflets maħruġa minn Greenpak fejn jagħtu nformazzjoni bil-Malti, Ingliż u Għarbi. L-impjegati tal-Kunsill għamlu kuntatt ma' Greenpak fejn iddiskutew l-ispejjeż involuti sabiex isir dan il-leaflet fil-Ħamrun ukoll u jidher li bħala spejjeż għall-Kunsill huwa biss it-tqassim. Il-Kunsill qabel li ssir din l-inizzjattiva. Il-Kunsillier Carmen Borg qablet ma' din l-inizzjattiva, għaliex għad hawn ħafna residenti li mhux jirriċiklaw sewwa, fejn qed ikun bosta residenti li qed jarmu l-ħġieġ fil-borża l-ħadra, minkejja l-fatt li l-ħġieġ jinġabar b'mod separat.

53.4.7 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa hux possibli li tiżdied ġabra tal-ħġieġ fix-xahar. Is-Sindku spjega li dan is-servizz jingħata minn Greenpak u mhux darba jew tnejn ikollna lmenti li l-ġabra ma saritx. Dan minbarra li l-kuntrattur infurmana li m'hemm biżżejjed bżonn li ssir it-tieni ġabra.

53.4.8 Is-Sindku nfurma li x-xogħlijiet fi Pjazza Kappillan Muscat, minħabba li kien hemm il-festa, ix-xogħol li kien fadal xi jsir twaqqaf sabiex ikun hemm spazju biżżejjed biex jinżammu l-attivitajiet tal-festa. Il-problema li x-xogħol ħa fit-tul minħabba li kellna problemi bil-kuntrattur. Hemm ċertu issues dwar il-bankijiet u l-fanali, fejn il-fanali mizbugħin bil-pinzell u l-bankijiet ma mexiex mal-ispecifications, liema xogħlijiet mhxu se jiġu aċċettati. Il-Perita qegħda l-ħin kollu tosserva dak li qed jiġri u se ssir laqgħa mal-Kuntrattur sabiex naraw il-way forward. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li r-residenti qed igergru dwar il-fatt li l-bankijiet qegħdin bla dahar. Is-Sindku spjega li r-residenti gergru li ma jridux nies bil-qiegħda għal ħin twil u bankijiet simili jirristrinġu l-użu ta' ħin twil. Dan minbarra li l-bankijiet ġodda li qed isiru f'postijiet turistiċi bħal Belt, kollha qed isiru bla dahar.

53.4.9 Is-Sindku nfurma li l-uplighters li se jiġu nstallati fi Triq il-Franġiskani, quddiem il-knisja waslu, iżda jidher li tnejn mhux biżżejjed biex tiddawwal il-faċċata. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li jinxtraw 2 oħra, sabiex il-faċċata tinxtegħel kollha. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

53.4.10 Is-Sindku nfurma li x-xogħlijiet fuq il-bankini mixjin. Is-Sindku nfurma li tlesta x-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlo', saret bankina ġdida fi Triq Dun Edgar Vella u nbeda x-xogħol fuq il-bankini fi Triq Giovanni Barbara. Il-Kuntrattur qed jagħmel ukoll xogħol għall-GO plc fl-istess bankini sabiex ma jkunx hemm problemi u ħsarat aktar 'l quddiem.

53.4.11 Is-Sindku nfurma li x-xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien Anton Buttiġieġ tlesta. Inbidlu wkoll xi apparat tal-bandli li kienu ġew ivvandalizzati. Qed isiru diskussjonijiet mal-Pulizija minħabba l-istorbju li jkun hemm minn ċertu tfal.

53.4.12 Is-Sindku nfurma li nbeda x-xogħol fuq it-tieni promo dwar il-Ħamrun, fejn fil-fatt ittieħdu shots waqt il-festa tal-Kunċizzjoni u huwa ppjanat li jittieħdu shots tal-festa San Gejtanu. Dan minbarra postijiet ta' nteress li għadhom ma dehrux.

53.4.13 Is-Sindku nfurma li l-attivita' li ġiet organizzata mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-PBS kienet suċċess. L-Għaqdiet li ramaw marru tajjeb u kienu sodisfatti.

53.4.14 Is-Sindku nfurma li hemm entużjażmu kbir mill-Ħamrun Scouts li se jsiefru f'Carpineto Romano. Il-banda se tkun iffurmata minn 28 bandist. Il-Kunsill applika għal fondi AVOS sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż involuti. Is-Sindku nfurma wkoll li aktar kmieni mal-ġurnata ċempillu s-Sindku ta' Carpineto Romano fejn wera s-sodisfazzjon tiegħu għas-sehem tal-Kunsill Lokali Ħamrun f'dan il-festival.

Is-Sindku nfurma li nżammet it-tieni laqgħa tal-businesses għal proġett Enhancing Ħamrun. Il-proġett mistenni jkompli wara l-istaġun tas-Sajf.

Is-Sindku nfurma li ġew installati żewġ dog bins, wieħed fi Triq Censu Bugeja u ieħor ħdejn in-nursery.

54.3.15

Is-Sindku qal li l-komunita' tal-Franġiskani organizzaw il-Fiera tas-Sajf. Kienet attivita' ħelwa, l-ewwel waħda ta' din ix-xorti fl-area tal-franġiskani. Ovvjament

54.3.16 dejjem ikun hemm lok fejn isir titjib. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li bħala attivita' kienet tajba ħafna, fejn l-entertainment baqa' għaddej sal-5.00p.m. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li hemm entużjażmu kbir fost il-komunita' u qed jiġi ppjanat li tiġi organizzata attivita' oħra fi żmien il-Milied.

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ippreżenta l-applikazzjoni għall-fondi sabiex isir restawr tal-Malta Railway Station. Qed isir vetting tal-applikazzjoni u wieħed jittama li din

54.3.17 l-applikazzjoni tintlaqa'. Is-Sindku fakkar li bħalma ġie diskuss fis-Seduta ta' qabel, jekk dan il-proġett jintlaqa' l-fondi li mistennija jinħarġu mill-Kunsill se jiġu kollha mill-fondi tal-UIF.

## 54.4 Festa San Gejtanu 2018

Is-Sindku Christian Sammut infurma li bħas-snin l-imgħoddija se jerġgħu jsiru l-mobile toilets, ambulanzi, bins.

Il-Kunsillier Efrem staqsa dwar l-għeluq tat-toroq, fejn qed jistaqsi jekk hux possibli li tingħalaq mill-area tal-Blata l-Bajda. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-għeluq tat-toroq huwa f'idejn il-Pulizija li dejjem jaraw li jimminimizzaw il-problemi bil-flow tat-traffiku.

Is-Sindku nfurma li fil-ħruġ ta' permessi ta' bars se titħaddem il-policy annwali.

## 54.5 Tfassil ta' Bye-Laws

54.5.1 Is-Sindku spjega li hemm bosta Kunsilli Lokali qed ħarġu bye-laws dwar tlajjar fit-toroq u oħra dwar Xorb ta' Alkohol f'postijiet pubbliċi. Is-Sindku spjega li fil-lokalita' s'issa dawn il-problemi għadhom mhux jinħassu fil-lokalita', iżda ġaladarba dawn il-bye-laws daħlu fil-Marsa, u meta ttieħdu deċiżjonijiet oħra fil-lokalita' tal-Marsa, l-Ħamrun spiċċa affettwat, il-Kunsill għandu jkun pro-attiv sabiex ma nsibux problemi aktar 'l quddiem.

54.5.2

Is-Sindku ppreżenta 2 Bye-Laws u ppropona li l-membri jressqu proposti tagħhom sabiex jiġu mfassal żewġ bye-laws li jindirizzaw il-bżonn tal-Ħamrun.

## 54.6 Tender Evaluations

54.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jsir meeting għat-tender evaluations se jsir it-Tlieta 12 ta' Lulju 2018, fis-6.00p.m.

**54.7** Is-Sindku nfurma li l-Kunsill applika għall-permessi meħtieġa sabiex isir xogħol infrastrutturali fil-letrina ta' Triq id-Duka t'Edinburgh. Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tinħareġ is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa.

**57.8 Ħwejjeġ Oħra**

54.8.1 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ iffinalizza l-proġett tiegħu li kien jikkonsisti minnn Colouring Book għat-tfal. Dan il-Colouring Book fih postijiet storiċi fil-Ħamrun u nformazzjoni dwar is-siti magħżula. Is-Sindku nfurma li se jkun qed jiltaqa' mal-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex jitfassal il-Programm tal-Launching ta' dan il-Colouring Book, fejn se tinżamm attivita' għat-tfal kollha Ħamruniżi.

54.8.2 Is-Sindku fakkar li s-Sibt 7 ta' Lulju se jinżamm il-Ħamrun Fashion Night, fejn il-ħwienet ħadmu ħafna fuq din is-serata. Is-Sindku ta spjega tal-attivita' u dak kollu li se jsir matul l-attivita'. Bħala spejjeż involuti għall-Kunsill huma l-Palk, Screen, Dawl u Sound, ħlas lill-ko-ordinator, kiri ta' siġġijiet u ħlas tal-gwardjani/uffiċjali li se jagħlqu t-toroq.

54.8.3 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni dwar is-sistema tat-traffiku ta' Triq San Gejtanu, 'l parti bejn Triq Anton Buttiġieġ u Triq id-Duka t'Edinburgh fejn jidher li ma rnexxietx, għall-fatt li qed isiru ħafna inċidenti. Dan minbarra li r-residenti ta' Triq San Gejtanu li jgħixu fil-parti bejn Triq Anton Buttiġieġ u Triq Giovanni Barbara m'għandhomx aċċess ħlief minn Triq Anton Buttiġieġ.

54.8.4 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Lord Byron fejn qed ikun hemm ħafna inkwiet bejn is-sewwieqa. Is-Sindku nfurma li kiteb b'mod personali iżda baqa' mingħajr risposta.

54.8.5 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ppreżenta ittra maħruġa mis-sidien tal-ħwienet fejn organizzaw ikla bejniethom u fl-ittra nkiteb li għal din l-attivita' se jattendu s-Sindku Christian Sammut u l-Viċi Sindku Efrem Buttiġieġ. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello rrimarka li meta kien hemm il-kumitat tal-ħwienet, dawn l-affarijiet qatt ma ġraw. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ikkjarifika li kellu telefonata mingħand sid ta' ħanut u nfurmatu li se jkun mistieden flimkien mas-Sindku għal din l-attivita'. Is-Sindku spjega li l-korrispondenza qatt ma waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrimarka li din l-ittra ħolqot diżgwit bejn ir-residenti. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni u jibgħat ittra b'mod uffiċjali sabiex dawn l-affarijiet ma jerġgħux jirrepetu ruħhom. Il-Kunsill approva din it-talba.

54.8.6 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed issir ħidma sabiex isir il-launching tal-Kunsill Lokali tat-Tfal. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li dan il-kunsill kellu l-ewwel stedina mill-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni sabiex jieħu sehem fil-Quddiesa tat-tfal. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ippropona li l-launching tal-Kunsill issir il-Ġimgħa 3 t'Awwissu 2018. Is-Sindku talab lill-kunsillier Carmen Borg u l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ sabiex jorganizzaw laqgħa u jiddiskutu din l-attivita'. Il-Kunsillier Carmen Borg irrimarkat li hi tħalliet barra minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kunsill tat-tfal u tħoss li ġaladarba ma kellix sehem fid-deċiżjonijiet li diġa ttieħdu, m'għandhix tidħol issa. Is-Sindku saħaq li huwa mportanti li ssir ħidma kollettiva min-naħa ta' kulħadd għal benefiċċju tal-komunita' kollha Ħamruniża.

**54.8.7 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li jkun skużat. Huwa ħareġ mil-laqgħa fis-7.15p.m.**

54.8.8 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed ikun hemm ħafna nċidenti fi Triq Schembri u r-residenti qed jitolbu li ssir sleeping police. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li rridu nivverifikaw ma' TM dwar il-Policy tal-wisa' tat-toroq, fejn isiru sleeping police.

54.8.9 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa kif isir il-ħasil ta' toroq u pjazez mid-Direttorat tat-Tindif. Is-Sindku nfurma li hu jagħmel lista ta' toroq u jibgħatha lid-Direttorat permezz ta' email.

54.8.10 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li l-mera mitluba qrib il-monument ta' Anton Buttiġieġ għadha ma saritx u talab li ssir repaint tal-markings qrib Cosmed Pharmacy. Is-Sindku nfurma li dawn ix-xogħlijiet se jiġu nklużi fil-lista tal-ilmenti sabiex isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

54.8.11 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppreżenta korrispondenza fejn qed jintalab li tiġi rikonoxxuta l-ħidma li saret fil-lokalita' mill-Kanonku Dun Gorg Bonello. Is-Sindku spjega li ilu jaħseb dwar dan u għaldaqstant issuġġerixxa li titressaq it-talba quddiem il-Kumitat Tismija tat-Toroq sabiex t-triq il-ġdida fi Triq il-Kanun tissemma' Triq il-Kanonku Dun Gorg Bonello. Il-Kunsill qabel unaniment.

54.8.12 Il-Kunsillier Carmen Borg infurma li nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju se tibda s-Summer School fil-Kunsill. Dawn il-lezzjonijiet jingħataw minn għalliema kwalifikata u huma mingħajr ħlas. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Carmen Borg ta' din l-inizzjattiva għaliex kellu kummenti pożittivi ħafna dwar dawn il-lezzjonijiet u dwar l-għalliema li tieħu ħsieb dawn il-lezzjonijiet.

54.8.13 Il-Kunsillier Carmen Borg uriet interess li torganizza Serata Letterarja mal-Grupp Esprimi. Is-Sindku ppropona li tiddaħħal sezzjoni umoristika bi sketches umoristiċi. Il-Kunsillier Carmen Borg qalet li hi għandha f'moħħha li din is-serata tkun serata ta' talent, fejn jiddaħħal ukoll il-grupp tal-Ballroom u l-kantanta Ħamruniża Aliana Gomez Blanco.

54.8.14 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li attendiet għal-laqgħa organizzata minn LEAP li qed jiddiskutu bosta temi inġenerali li jolqtu direttament lis-soċjeta'. Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li l-Kunsill jorganizza xi laqgħa mal-Grupp LEAP. Is-Sindku ppropona li dawn il-laqgħa jinżammu qabel ma jsiru l-laqgħat tas-Saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.8.15 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jkun skużat. Hua ħareġ mil-laqgħa fis-7.25p.m.**

54.8.16 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li nżammet il-ħarġa fil-Forti Sant'Anġlu, attivita' li rnexxiet. Is-Sindku qal li kellu feedback pożittiv minn dawk kollha li attendew għal din il-laqgħa.

**54.9 Korrispondenza**

Is-Sindku nfurma li rċevejna korrispondenza mill-AKL dwar l-użu ta' bżieżaq fil-festi. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa ħa deċiżjoni dwar din il-kwistjoni u ma jaqbilx ma din il-proposta.

Is-Sindku nfurma li l-AKL infurmaw li ffirmaw il-kuntratt ma' FACES dwar Bus Shelters fil-lokalita'. Is-Sindku ppropona li titressaq talba quddiem l-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali sabiex isir Bus Shelter ġdid fi Triq Kappillan Mifsud.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-DLG bagħtu korrispondenza uffiċjali dwar Risk Assessment Reports għall-attivitajiet kollha organizzati mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar ir-rata tal-Gwardjani Lokali se togħla għal 20 + VAT, bejn il-ġranet mill-Ġimgħa sal-Ħadd.

**54.10 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 44.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**53.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 31 ta' Lulju 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, **it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2018**.

***Iffirmata***
Christian Sammut
Sindku

***Iffirmata***
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv